# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tas-56 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2023 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**56.01** **Talba**

56.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**56.02** **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

56.02.01 Is-S.E. infurmat li l-Viċi Sindku kien informa li ma kienx ser jattendi minħabba raġunijiet personali. Il-Viċi Sindku ġie meqjus bħala skużat.

**56.03** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 55**

56.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 55 ġew approvati unanimament. Il-Kunsillier Decelis ippropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**56.04** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

56.04.01 Is-Sindku infurmat li ser tintalab laqgħa mas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V sabiex tiġi diskussa l-Festa ta' Santa Marija 2023. Il-laqgħa ġiet skedata għal nhar it-Tlieta 4 ta' Luljlu 2023 fis-6.30pm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

56.04.02 Is-Sindku spjegat li l-pompa tal-funtana fil-Ġnien M'Ang Sapiano mhux possibbli li tkun waħda *submersible*, iżda hemm bżonn li ssir estensjoni fl-irħam ta' taħt il-bust biex jikber l-ispazju biex tkun tista' tiġi nstallata pompa ikbar u bl-*istrainer*. Wara diskussjoni fuq is-suġġett, ġie deċiż li jintalbu stimi għall-irħam u għall-pompa.

56.04.03 Is-Sindku infurmat li permezz ta' *supplier* ġdid li tana l-irħas stima, fil-jiem li għaddew, fir-raħal ġew installati diversi tabelli tat-toroq kif ukoll *road humps*, kif approvati minn Transport Malta (TM). Semmiet ukoll li propju l-ġimgħa li ġejja għandha laqgħa mas-Sur Michael Cohen (TM) fejn fost kwistjonijiet oħra, ser tkun

qed tiddiskuti miegħu dwar id-*doube yellow line* li tpenġa minn TM fi Triq M'Anġ Sapiano, kif ukoll dwar iż-*zebra crossing* li ntalbet fi Triq tas-Sejba.

56.04.04 Is-Sindku tkellmet dwar laqgħa li kellha l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, fejn iddiskutiet dwar diversi nuqqasijiet fil-lokal. Semmiet ukoll li ġiet infurmata li skond il-liġi li ħarġet fl-2017, f'postijiet bħal Sqaq Buhar, il-Korporazzjoni Enemalta ma tistax tqabbad dawl tat-triq, jekk ma jkunx hemm in-*No Objection* tal-*Plannig Authority*, peress li huwa sit f'*ODZ*. Saħqet ukoll fuq dewmien sabiex ċertu bozoz jiġu msewwija fejn l-uffiċjali qalu li skond il-liġi huma għandhom ċans sa 28 ġurnata sabiex isewwu.

56.04.05 Rigward il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju 2023, is-Sindku qalet li ma jidhirx li kien hemm problemi, speċjalment meta Triq tas-Sejba laħqet infetħet ukoll għat-traffiku. L-unika problema li kien hemm kienet minħabba *misunderstanding* li kien hemm bejn is- SMMTĠ u l-Pulizija, fejn it-trasport pubbliku ma kienx qed jgħaddi minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija matul il-ġimgħa tal-festa. Semmiet ukoll li fuq struzzjonijiet tas-Supretendent, waħda mill-gabbani fil-*bypass*, ma tistax tibqa' tintrama għaliex bdiet tostakola l-vista tax-xufiera li jkunu ħerġin minn Triq l-Imterrqa għal ġo Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Fuq din kien hemm qbil li ma joħorġux iktar permessi fuq din il-posta sabiex ma jkunx hemm periklu. Is-Sindku infurmat ukoll bl-iskema li nħarġet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsilli Lokali permezz tar-Reġjun ser jingħataw fondi sabiex jintużaw f'servizzi mogħtija mil-*LESA* waqt il-festi u attivitajiet tar-raħal.

***Il-Kunsillier Dingli ingħaqad mal-Kunsill fis-6:05 pm***

56.04.06 Rigward ix-xogħlijiet fil-Pjazza tal-Knisja, is-Sindku tkellmet dwar l-aġir tal-BAVA, il-kuntrattur li kien qed jaħdem għad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, fejn minħabba kwistjoni finanzjarja bejn iż-żewġ partijiet, BAVA iddeċieda li jagħlaq l-aċċess tal-pjazza tar-raħal b'numru ta' blokki tal-konkrit, fejn kellha wkoll tintervjeni l-pulizija. Is-Sindku infurmat li saret it-talba għal-laqgħa mal-Ministru biex jiġi ċċarat min se jkun responsabbli mill-istess pjazza ladarba issa tlesta l-proġett.

56.04.07 Is-Sindku infurmat li ser ningħataw il-fondi (Eur 2,000) mir-Reġjun Punent sabiex titella' esibizzjoni artistika fil-lokal tagħna, fejn hija ssuġġeriet li din għandha ssir fil-*foyer* tal-Iskola Primarja tal-Imqabba fil-ġurnata meta jsir il-kunċert ta' Jum l-Imqabba. Hija ħeġġet lill-membri tal-kunsill sabiex jissuġġerixxu artisti mir-raħal li jistgħu ikunu parteċipi f'din l-esebizzjoni.

56.04.08 Rigward l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024, is-Sindku infurmat li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba rċieva s-somma ta' Eur 18,000. Hija qalet ukoll li ser tkun qed tikkomunika mal-organizzaturi sabiex tkun tista' tittella' l-attività kulturali f'Ottubru li ġej.

56.04.09 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-membri tal-kunsill sabiex lkoll ikunu responsabbli għall-mod kif iwasslu ċerta informazzjoni lir-residenti li javviċinawhom. Importanti

li l-informazzjoni tkun skond dak li tippermetti l-liġi u skond dak li jiġi diskuss u deċiż fil-laqgħat tal-kunsill. Dan sabiex ma jinqalgħux riperkussjonijiet anke bejn il-pubbliku u l-uffiċċju amministrattiv.

**56.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

56.05.01 Il-Kunsillier Dingli reġa' staqsa dwar jekk fi Triq San Innoċenzju kantuniera ma' Triq iċ-Ċavi tistax tiżdied *parking bay* oħra. Is-S.E. infurmatu li l-ħaddiema tal-Kunsill marru jkejlu d-*double yellow line* f'din il-kantuniera u nstab li huwa ftit itwal mill-5 metri li tippermetti l-liġi. Madanakollu, id-differenza li jibqa' bejn id-*double yellow line* u l-ewwel *parking bay* eżistenti, xorta m'hemmx biżżejjed spazju biex tidħol *parking bay* oħra.

56.05.02 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar it-talba li kienet saret biex tiġi nstallata lampa tat-triq ġdida f'Wesgħa l-Ispiżerija l-Antika. Is-S.E. infurmatu li ser tagħmel tfakkira lill-kuntrattur dwar l-ordni li kienet saret għall-imsemmija lampa tat-triq fuq arblu.

56.05.03 Il-Kunsillier Sciberras fakkar fil-problema ta' aċċess ta' żewġ *garages* fi Sqaq l-Isptar kantuniera ma' Triq M'Ang Sapiano. Is-S.E. infurmatu li ser tikkordina laqgħa mal-Perit tal-kunsill sabiex jispeċifikalna kif tista' tissolva l-problema msemmija kif ukoll jagħtina stima tal-ispejjeż għax-xogħol li hemm bżonn isir.

56.05.04 Il-Kunsillier Sciberras ssuġġerixxa biex fi Triq il-Parroċċa (it-triq tan-nofs), jiġi nstallat dawl simili għal dak li għadu kemm ġie nstallat mal-istatwi tal-qaddisin fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti kantuniera ma' Triq tas-Sejba. Dan sabiex ikun jista' jiżdied id-dawl f'din it-triq, peress li konna ġejna infurmati li mhux possibbli tiżdied lampa dekorattiva bħalma diġà hemm. Kien hemm qbil biex jiġi ċċekkjat kif jista' verament jiżdied id-dawl f'din it-triq.

56.05.05 Il-Kunsillier Decelis ikkummenta dwar it-telqa li hemm fis-*central strips* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-Sindku fakkret billi reġgħet spjegat li preżentement għaddej il-proċess biex jiġi tterminat il-kuntratt preżenti ma' *Callus Landscaping and Gardening* biex eventwalment l-entità pubblika Ambjent Malta tkun tista' tibda tieħu ħsieb il-*landscaping* hi.

56.05.06 Il-Kunsillier Decelis ikkummenta dwar l-istat li jinsab fih il-Ġnien tal-Mentna. Is-Sindku tat *update* dwar xi tlesta s'issa mill-proġett u x'fadal isir fejn bħalissa qed jieħu ħsieb il-*Project Manager*, kif approvat mill-Kunsill. Waqt diskussjoni fuq dan is-suġġett, issemma wkoll il-proġett tal-Ġnien Onġi Onġella li bħalissa għadu fil-fażi ta' ippjanar.

**56.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements 2022***

56.06.01 Is-S.E. ippreżentat l-*Audited Financial Statements* għas-Sena 2022 u wara diskussjoni qasira dawn ġew approvati unanimament kif ippreżentati.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**56.07** **Rapport Finanzjarju - l-Ewwel Kwart Jannar / Marzu 2023**

56.07.01 Is-S.E. ippreżentat ir-Rapport Finanzjarju – L-Ewwel Kwart Jannar/Marzu 2023 u wara diskussjoni qasira dan ġie approvat unanimament kif ippreżentat.

**56.08** **Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

56.08.01 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn ġejna infurmati li t-talba tal-Kunsill Lokali, għall-Fondi ta' Aġġustament għas-Sena 2023, ġiet milqugħa.

56.08.02 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex il-Kunsill jirrifondi lura fondi għal Proġett Kapitali, li kien irċieva wara li applika għalihom, però li l-proġett ma ġiex implimentat. Il-Kunsill qabel li jsir ir-rimbors mill-aktar fis kif mitlub.

56.08.03 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar kampanja ta' *Clean-Up* li ser tkun għaddejja matul is-sena kollha. Fuq din kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipparteċipa.

56.08.04 Korrispondenza mir-Reġjun Punent dwar l-applikazzjoni ta' fondi għal *Clean Up The World Campaign 2023* li ssottometta bil-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt dan ir-reġjun, fosthom il-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Il-membri preżenti tal-Kunsill, ħadu nota ta' din il-korrispondenza.

56.08.05 Korrispondenza mis-Supretendent tal-Pulizija dwar gabbana li fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju 2023, kienet allokata f'sit fejn bdiet ittellef il-vista tax-xufiera u għalhekk kien hemm periklu. Wara diskussjoni fuq l-imsemmija posta, li kienet ilha tintrama snin fil-festi, il-Kunsill qabel mal-istruzzjonijiet tas-Supretendent u għaldaqstant mhux ser jinħarġu iktar permessi fuqha.

56.08.06 Korrispondenza minn *Project Green* fejn qed jitlob laqgħa mal-Kunsill Lokali sabiex jiġi diskuss id-diżinn propost għall-proġett fis-sit 'Tal-Mitħna' fi Triq il-Qrendi, L-Imqabba. Il-membri preżenti tal-Kunsill ħadu nota ta' dan.

56.08.07 Kopja tal-korrispondenza legali mibgħuta mill-avukat tal-Kunsill dwar l-itterminar tal-kuntratt preżenti ma' *Callus Landscaping and Gardening* sabiex Ambjent Malta tkun tista' tibda tieħu ħsieb il-*landscaping* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.

56.08.09 Korrispondenza mill-*Foundation for Educational Services* biex il-Kunsill Lokali jinstalla tabelli tat-triq li juru l-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-istudenti li jattendu Skolasajf ġewwa l-Iskola Primarja tal-Imqabba. Wara diskussjoni fuq is-suġġett kien hemm qbil li qabel jiġu ordnati u nstallati t-tabelli, nitolbu informazzjoni dwar jekk hux ser ikun hemm infurzar u min ser ikun responsabbli minnu.

56.08.10 Korrispondenza mingħand *Jobsplus* dwar lista ta' kandidati li jistgħu japplikaw għall-post vakant ta' *Assistant Principal* mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Il-membri preżenti ħadu nota ta' din il-korrispondenza.

**56.09 Kuntratti**

56.09.01 Is-Sindku infurmat li l-kuntrattur li jieħu ħsieb il-provvista u l-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku u l-marki tat-toroq, mhux qed jonora l-kuntratt li għandu mal-Kunsill Lokali u għaldaqstant qed tipproponi sabiex jiġi tterminat il-kuntratt. Hija kompliet billi semmiet li l-ordnijiet li jintbagħtulu mill-uffiċċju mhux qed jagħmilhom. Minkejja li l-Kunsill bgħat anke *default notices* lill-imsemmi kuntrattur, is-sitwazzjoni xorta waħda baqgħet ma nbidlitx. Il-membri preżenti tal-Kunsill qablu unanimament li dan il-kuntratt għandu jiġi tterminat.

**56.10 Milied 2023**

56.10.01 Rigward id-dekorazzjonijiet tal-Milied fit-toroq tar-raħal, is-Sindku semmiet li jkun għaqli li nilħqu nippubblikaw it-talba għal stima għall-kiri tal-imsemmija dekorazzjonijiet. Issemmiet il-ħtieġa sabiex jerġa' jitlaqqa' s-Sotto Kumitat, filwaqt li kien hemm qbil sabiex din is-sena ma jerġax jintrema' s-*sound* fit-triq matul il-jiem tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

**56.11 Ilmenti u Suġġerimenti**

56.11.01 Il-Kunsillier Decelis semma xi attivitajiet li jistgħu isiru f'Jum l-Imqabba ta' din is-sena. Fosthom semma l-Assoċjazzjoni Sports, Karozzi u Muturi, *Basketball*, u Pulizija bil-Muturi. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Decelis sabiex iħejji programm.

56.11.02 Il-Kunsillier Dingli ssuġerixxa li hemm bżonn issir *Stop Sign* fi Triq Mons Alfons Caruana kantuniera ma' Triq Xandru Farrugia. Ġie deċiż li niktbu lil TM dwar dan.

56.11.03 Il-Kunsillier Dingli semma li hemm bżonn isiru l-*parking bays* inkluż *un/loading bay* fiż-żona fejn hemm il-ħanut 'Teżor il-Bidwi' fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Kien hemm qbil li nitolbu l-approvazzjoni ta' TM fuq dan.

56.11.04 Is-Sindku ssuġġeriet li tiġi nstallata mera tat-triq fi Triq Ħal Kirkop faċċata ta' Triq il-Familja Brancati. Kien hemm qbil li niktbu lil TM dwar dan.

56.11.05 Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni dwar l-iskart u l-ħaxix ħażin li hemm bejn il-*fence* u ċ-ċint tal-ġibjun fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-S.E. infurmat li ser tibgħat il-ħaddiema tal-kunsill sabiex inaddfu s-sit imsemmi.

56.11.06 Il-Kunsillier Sciberras informa li l-ġibjun fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija mhux qed ikun jista' jiġi mnaddaf fuq bażi regolari għaliex l-aċċess għaċ-ċint ta' wara l-istess ġibjun qed ikun ostakolat bl-ipparkjar ta' vetturi u muturi. Fuq din kien hemm qbil biex naraw jekk għandnix nitolbu l-approvazzjoni ta' TM għal *double yellow line* fis-sit imsemmi.

**56.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti numru 08/56**

56.12.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/56 ġiet approvata unanimament.

56.12.02 Il-lista tal-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Mejju 2023 ġiet approvata unanimament.

**56.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

56.13.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:15 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 20 ta' Lulju 2023 fil-5:30 pm.

Konfermati illum il-Ħamis 20 ta' Lulju 2023.

| | |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |